MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 543/2004

**Avviz numru: 543/04 SM**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Mario Kitcher ezercitanti l-kummerc ghan-nom ta' Kings Confectionery**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u disa' mitt Lira Maltin (LM1,900.00,0), dovuta lill-istess socjeta' attrici da parti tal-konvenut rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-istess konvenut;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 3 ta' Settembru tas-sena 2004 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Ottubru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------